l-ghid ta' l-assunta

www.gozocathedral.org.mt

KINNIE

Now available in the new convenient
attractive larger bottle –
more Kinnie for you and the family.

KINNIE *always first for thirst*

www.ozcathedral.org.mt

l-ghid ta' l-assunta
Harġa ta' Darba fis-Sena. [Nru. 17 - 1982]

Editur
Mons. Carmelo Scicluna
Arċipriet tal-Katidral

Messaġġ ta' l- Arċipriet

Is-sena d-dieħla f'Malta u f'Għawdex sa jinżamm id-Disa' Kungress Marjoloġiku u s-Sittax il-Kungress Marjan Internazzjonali li għalih ġa bdew isiru t-thejjijiet neċessarji. Din il-ġrajja li għandha tibqa' minsuġa b'newl tad-deheb fl-istorja Marjana tal-Gżejjer Maltin sa tfakkar fl-istess ħin b'mod xieraq eġħluq il-MITT sena minn meta l-Verġni Marija Assunta minn kwadru ta' kappella ċkejkna, illum is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, kellmet lil xebba Għawdxija bl-isem ta' Karmni Grima. Din is-sena, għalhekk, is-Solennità liturġika ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem li ħija l-Padruna Speċjali tal-Gżejjer Maltin għandha tkun b'mod speċjali għalina, il-parruċċani tal-Knisja Katidrali, bħala preparazzjoni remota għal dan l-avveniment storiku. U biex nilħqu dan l-ideal jeħtieġ li aħna fil-jiem tal-festa:

- **nagħtu xhieda** li aħna f'din id-dinja m'aħniex ħlief pellegrini f'orjentament eskataloġiku ;
- **nuru biċ-ċar** li l-mentalità tagħna m'għandhiex issakkarna fil-'ghetto' tal-parrokjlaiżmu li jwassalna biex nitlewmu ma' dawk li magħhom niltaqgħu ta' kuljum;
- **inħabirku bi sħiħ** ħalli nikkonvinċu lil kulħadd li aħna m'għadniex aktar imdawrin bil-'barbed-wire' tal-valuri dojoq ta'devozzjonaliżmu li jwassalna għas-superstitzzjoni;
- **nissaħħu fid-determinazzjoni** li fi żmienna ma fadalx aktar spazju għall-piki bla sens li kienu jxekklu sewwa l-iżvilupp tal-fidi tagħna fi Kristu;
- **ħimpenjaw aktar** lilna nfusna biex nuru li għalina l-Vanġelu ma jfissirx sempliċiment ornament estern, imma programm li fuqu rridu nfasslu l-bqija ta' ħajjitna;
- **nissensibilizzaw** b'doża aqwa l-opinjoni pubblika favur l-emarġinati, il-foqra u dawk li jissejħu l-iskart tas-Soċjetà;
- **nieħdu atteġjament** li jixhed li l-bnadar iperpru fuq bjutna ma jfissrux li aħna għadna miġġeldin ma ta' ħdejna, imma li aħna dħalna fi djalogu magħhom;
- **infittxu** li nispikkaw mhux fil-bluhat tas-sokar u tad-divertimenti bla rażan, imma fis-sehem attiv li nieħdu fil-funzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-knisja.

Jekk fil-jiem tal-festa aħna ninkwadru l-imġieba tagħna f'dan il-kuntest, mhux biss inkunu qegħdin nġibu ruħna ta' versi ulied tal-Verġni Marija Assunta, imma wkoll nkunu qegħdin nieħdu tabilħaqq bis-serjetà l-Kungress Internazzjonali Marjoloġiku u Marjan li sa jsir fil-gżejjer tagħna fl-1983.

www.gozocatheldral.org.mt

META L-MATRIĊI TA' L-ASSUNTA TA'GĦAWDEX TMEXXIET MINN ŻEWĠ KAPPILLANI

minn
Alexander Bonnici
O.F.M.Conv.

Jiena u nqalleb id-dokumenti qodma ta' l-istorja waqt li qed niġbor materjal fuq ġrajjiet in-Nadur u x-Xagħra, nosserva ta' sikwit ir-rabta kbira li kien hemm ta' l-irħula kollha ta' Għawdex mal-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta. It-twaqqif ta' l-erba' parroċċi, li kellhom ikunu n-Nadur, ix-Xagħra, Sannat u ż-Żebbuġ jagħtina dawl ta' storja li ftit kien wasal f'idejna. Għal żmien qasir, il-bżonn tal-parroċċi nħass, imma ma kienx possibbli li jinqatgħu għal rashom. L-Isqof għabba bir-responsabbiltà lill-Matriċi ta' l-Assunta. Kien każ uniku fl-istorja tal-Knisja f'Għawdex meta lill-Matriċi narawha mmexxija minn żewġ kappillani: wieħed għaċ-ċentru tal-parroċċa u l-ieħor għall-kampanja.



Effett tal-Viżta tas-sena 1687

Illum, m'aħniex imdorrijin nifirdu minn xulxin il-Kastell u r-Rabat. Imma f'dak iż-żmien, il-belt kienet meqjusa li qiegħda bejn ħitan tal-kastell fejn hemm il-Kolleġġjata ta' l-Assunta. Ir-Rabat kien jissejjah kontinwament bl-isem ta' '*SUBBORG*' li, kif tgħid il-kelma stess, kien jiddependi mill-kastell anki ċivilment.

Fis-sena 1687, l-Isqof ta' Malta u Għawdex David Cocco Palmieri għamel viżta pastorali fil-gżira ta' Għawdex. Waqt il-viżta, inħass b'mod urġenti li tinstab xi soluzjoni għal problema pastorali gravi. Il-Matriċi-Kolleġġjata ta' l-Assunta, bħala parroċċa, kellha estensjoni kbira ħafna. Kien assolutament meħtieġ li jsiru xi parroċċi ġodda. Lejn it-tramuntana, kien hemm l-inħawi taż-Żebbuġ; lejn nofs in-nhar, għalkemm ix-Xewkija kienet saret parroċċa, kien hemm qed jikbru l-inħawi ta' Sannat; lejn il-lvant kien hemm l-akbar problema għaliex l-inħawi mgħammra kienu l-aktar imbiegħda. L-inħawi mgħammra kienu lejn żewġ postijiet; lejn ix-Xagħra u lejn in-Nadur. Il-problema tan-Nadur kienet aktar kbira; in-nies kienet qed tinġabar sewwa fuq in-naħa tal-punent tal-għolja msejha ta' Nadur; imma ma kien hemm l-ebda knisja li setgħet tagħmilha ta' parroċċa. Il-punent ta' Għawdex kien moqdi tajjeb għaliex ftit snin qabel kienet saret il-parroċċa tal-Għarb.[1]

Il-Problemi Pastorali

Il-problemi pastorali ta' l-irħula ta' Għawdex kienu ta' kull għamla. L-ewwelnett, l-Arċipriet tal-Matriċi, Dun Karlu Magri, kien qed jikber sewwa fiż-żmien u kien ukoll marid. Barra minn ħekk, il-kastell bil-lejl kien jissakkar; għalhekk, ma kienx possibbli li, f'każ ta' bżonn, l-Arċipriet jilħaq dawk l-irħula mbiegħda. Speċjalment fix-xhur tax-xitwa, dawk ta' l-irħula kienu jsibuha diffiċli biex imorru l-Matriċi ħalli jirċievu s-Sagramenti. F'dak iż-żmien, it-tagħlim tad-duttrina lit-tfal subien u bniet kien isir wara l-Quddies tal-Ħadd. Imma dawk l-imsejkna tfal ta' l-irħula kważi qatt ma setgħu jiġu mgħallma minħabba l-problema tal-bogħod. X'uħud kienu saħansitra jmutu mingħajr l-aħħar sagramenti, u kważi qatt ħadd minnhom ma kien jiġi assistit minn saċerdot fl-aħħar ta' ħajtu għaliex saċerdoti li jgħixu fil-kampanja ma kienx hemm.[2]

Il-Problema tal-mezzi għall-Għawdxin

Ix-xewqa ta' l-Isqof kienet li, sa mis-sena 1687, lil dawk l-inħawi tal-kampanja jaqtagħhom f'parroċċi għalihom. Skond kitba tal-4 ta' Mejju, 1687, nafu li nies dawk l-irħula ma qatgħux milli jitolbu bla waqfien biex ikollhom l-istat ta' parroċċa. Imma l-

www.pozcathedral.mt



"Jien u nqalleb id-dokumenti qodma ta' l-istorja . . . nosserva ta' sikwit ir-rabta kbira li kien hemm ta' l-irħula kollha ta' Għawdex mal-Matriċi Kolleġġjata ta' l-Assunta."

Isqof sab iħabbtu ma' wiċċu problemi oħrajn b'mod li ma setax jaqtagħlhom xewqithom malajr. Problema li kiddet lil missirijietna bla waqfien kienet dejjem dik tal-faqar. L-Isqof xtaq jagħmel dawn il-parroċċi ġodda. Imma kull parroċċa kellha bżonn li jkollha għallanqas saċerdot wieħed, li jkun il-Kappillan tagħha. Madankollu, ma kienx possibbli li jintbagħat saċerdot bħala kappillan, u jitgħabba bil-pożożijiet pastorali. Il-problemi ta' parroċċa ġdida huma dejjem kbar. Imma kien meħtieġ, fuq kollox, li l-kappillan l-ġdid ikollu xi meżżi għall-ħajjiet.[3]

Dun Ewgenju Azzopardi: Kappillan 'ieħor' tal-Matriċi

L-Isqof, waqt il-viżta pastorali tiegħu, kien ikollu dejjem xi qassisin oħrajn li jgħinuh, u għalhekk, jissejħu *'Konviżitaturi'*. Meta kien imur Għawdex, hu ġie li kien jieħu miegħu anke qassisin maltin. Fost il-konviżitaturi tas-sena 1687, kien hemm qassis żagħżugħ min-Naxxar, li kien jismu Dun Ewgenju Azzopardi. Għalkemm malti, Dun Ewgenju kien ġie ordnat saċerdot f'Katanja, fil-25 ta' April, 1683. Għalhekk, f'dak iż-żmien, hu kien għadu fl-aħjar ta' żgħożitu. Fl-atti uffiċjali, Dun Ewgenju ssejjah *'Missjunarju ta' l-imqaddsa viżta'*. L-Isqof Cocco Palmieri għamel proposta lil dak Dun Ewgenju biex hu jaċċetta li joqgħod bħala *'Kappillan ieħor tal-Matriċi'*. Dun Ewgenju aċċetta. B'hekk, Dun Karlu Magri baqa' Arċipriet tal-Matriċi bid-dmir li jgħix 'il ġewwa mill-ħitan tal-kastell, waqt li Dun Ewgenju Azzopardi kien hu wkoll Kappillan tal-Matriċi, imma bid-dmir li jgħix 'il barra mill-ħitan tal-kastell.

B'dan il-mod, Dun Ewgenju Azzopardi kien Kappillan tal-matriċi ta' l-Assunta bid-dmir li jilħaq l-inħawi tan-Nadur, Xagħra, Sannat u Żebbuġ. L-insara ta' dawk l-irħula kienu jirrikorru għandu għaliex hu kien tassew il-Kappillan tagħhom: magħżul għalihom b'mod speċjali.[4]

Il-Matriċi tgħajjex il-Kappillan tal-Kampanja

Sa dak iż-żmien, dawk l-inħawi tħallew fil-limiti tal-Matriċi ta' l-Assunta, Għalhekk, il-Kappillan proviżorju li tqegħdilhom ma setax ma jkunx marbut b'mod intimu ma' Dun Karlu Magri, l-Arċipriet tal-Matriċi.

Bi ftehim li sar bejn l-Isqof Cocco Palmieri u l-Arċipriet Magri, il-Kappillan Dun Ewgenju Azzopardi beda jingħata bħala rikompensa għall-ħidma pastorali s-somma ċkejkna ta' 60 skud fis-sena. Dan ifisser li hu ma kellux ħlief 5 skudi fix-xahar; l-Arċipriet kellu joħroġ dak il-ħlas minn dak li jdaħħal hu bħala l-mexxej ta' dik l-akbar parroċċa ta' Għawdex. Dawk l-irħula kienu għadhom kollha kemm huma fil-limiti tal-parroċċa ta' l-Assunta.

Barra minn hekk, Dun Ewgenju Azzopardi kellu bżonn ukoll ta' xi meżż ta' trasport. Għalhekk, Dun Karlu Magri ġie wkoll obbligat li jipprovdilu żiemel ħalli, kull meta jinqala' l-bżonn, hu jkun jista' jmur fl-inħawi l-iżjed imbieġħda tal-parroċċa tant mifruxa tiegħu.[5]



Nadur



Xagħra

Żebbuġ



Sannat

Kanonku Teologu li jgħallem fil-Kampanja

Il-Kappillan Azzopardi ġie, fuq kollox, mgħobbi bid-dmir li jamministra s-Sagramenti lil tal-kampanja. Imma, billi kien meħtieġ li huma jiġu wkoll mgħallmin, l-Isqof Cocco Palmieri kellu jaħseb anke għal bżonnijiet oħrajn.

Ftit snin qabel, il-Matriċi ta' l-Assunta kienet saret Kolleġġjata. Wieħed mill-Kanonċi tal-Kolleġġjata kien it-Teologu: bid-dmir speċifiku li jgħallem lil dawk tal-parroċċa.

Għalhekk, fost it-twissijiet ġenerali lill-Kleru ta'Għawdex, fil-5 ta' Mejju, 1687, insibu dan li ġej:'*It-Teologu, xi drabi matul is-sena, għandu jiltaqa' ma' dawk li joqogħdu fil-partijiet l-iżjed imbiegħda. Tagħhom, hu għandu jżomm katalgu, biex jaqdi aħjar id-dmir tiegħu*'[6]

Servizzi tajjeb għal żmien qasir

Dun Ewgenju Azzopardi ħejja t-triq għat-twaqqif tal-parroċċa f'dawn l-irħula. Il-ħidma tiegħu kkonfermat kemm kien meħtieġ li l-Isqof isib xi soluzjoni aktar prattika. Fil-fatt, din ma damitx ma nstabet. Fis-sena 1688, bid-data tat-28 ta' April, dawk l-erba' nħawi saru parroċċa. Kien hemm marbuta mat-twaqqif tal-parroċċa l-għaqda tal-Parroċċa ta' San Ġorġ mal-Kolleġġjata ta' l-Assunta. L-għaqda ta' Parroċċa ma' Kolleġġjata ħtieġet approvazjoni minn Ruma li damet madwar sena biex ġiet konfermata. Imma, mis-sena 1689, Dun Ewgenju Azzopardi temm il-ħidma pastorali tiegħu f'Għawdex.

Dun Ewgenju Azzopardi wera d-dedikazjoni tiegħu għaliex l-istess Isqof David Cocco Palmieri ma damx wisq ma raġa' tafa' għajnejh fuqu. Dun Ewgenju, fis-sena 1694, ġie magħżul bħala Kappillan tas-Siġġiewi fejn ħadem għal ħafna snin, u kellu sehem kbir bil-bini tal-Knisja. Imma, imbagħad, hu temm il-ħajja tiegħu fl-20 ta' Diċembru, 1723, wara 40 sena ta' ħajja saċerdotali, fin-Naxxar, ir-raħal qadim li kien twieled fih.[7]

NOTI

[1] Ark. Arc. Malta, **Viżti** 23,f.560v; Ark. Notar. Vall., ms. 10/792, 28/4/1688,f.1.

[2] Ark. Not. Vall., **Ibid.**

[3] Ark. Arc. Malta, **Viżti**,23, ff.560v-561r.

[4] **Ibid.**

[5] **Ibid.**, f.561r.

[6] **Ibid.**, f.563r.

[7] Għal xi tagħrif fuq Dun Ewg. Azzopardi, inrodd ħajr lil Mons. Dun Vincenz Borg.

www.gozocathedral.org

FTUĦ TA' ĊENTRU PARROKKJALI

minn Grazio A. Grech

Il-Ħadd, 21 ta' Frar, 1982, inkitbet paġna konnessa mal-Kattidral t'Għawdex. Dan ġara billi beda jiffunzjona ċ-Ċentru Parrokkjali tal-Kattidral, wara li ntlaħaq ftehim bejn l-Għaqda Mużikali 'Leone' u l-Arċipriet tal-Kattidral, dwar parti mill-propjetà li l-banda 'Leone' kellha fi Triq Arċipriet Cassar, Rabat, Għawdex.

Dan il-lokal li kien ukoll residenza tal-Arċipriet ta' l-istess Kattidral, l-Kononku Saver Cassar (1773-1805), il-Għaqda Mużikali 'Leone' akkwistatu u beda jiffunzjona bħala każin tal-banda fl-1908. Fl-1910 l-kumitat tal-banda 'Leone' addatta sala tat-teatru konnessa mal-każin sabiex fiha jinżammu attivitajiet mhux biss tal-palk imma wkoll dawk socio-kulturali. L-injam għall-kostruzzjoni tal-palk ta' dan it-teatru, li kien inxtara minghand is-Sur Galea fl-1910, kien laħaq is-somma ta'£M2.3.0½d. Fl-1931 is-sala ġiet mogħtija l-isem ta' Teatro 'Reale' (Royal Talkie Theatre) u bdew jintwerew fiha wkoll il-films. Fl-istaġun 1956/57, il-wiri tal-films kellu jieqaf iżda l-kumitat tal-banda 'Leone' fl-Lulju, 1962, beda jwaqqa' l-bini l-qadim sabiex jibni każin u teatru ġdid u modern. Fit-28 ta' April, 1963, kien ġie inawgurat uffiċjalment il-każin u t-teatru li ġie mogħti l-isem ta' teatru 'Aurora'. Fl-1975 l-isem tat-teatru 'Aurora' ġie mibdul f'dak ta' 'Leo'.

Matul is-snin (1908-1976) li dam uffiċċjalment bħala każin tal-banda 'Leone' inżammu fih kunċerti mużikali, wirjiet teatrali, films, tombla, fieri, dances, varjetajiet, akkademji musico-letterarji, festivals, loġħob ta' billiards, konferenzi reliġjużi, parties u elf ħaġa oħra.

Laqa' fih ukoll Kardinali, Arċisqfijiet, Isqfijiet u persunaġġi distinti Maltin u barranin. Kien ukoll isir presepju ta' kull sena, u f'dawn l-aħħar snin kien jitpoġġa Kurċifiss mżejjen fl-intrata ta' dan il-każin matul il-Gimgħa Mqaddsa.

Issa parti minn dan il-lokal flimkien mas-sala tat-teatru se jiffurmaw iċ-Ċentru Parrokkjali tal-Kattidral. L-ewwel attività kien film li ntwera f'dan iċ-Ċentru nhar il-21 ta' Frar, 1982. Il-film kien 'Across The Great Divide'.

Il-ftuħ uffiċċjali sar fil-15 ta' Mejju, 1982 f'eġħluq is-sitt sena minn meta Mons. Arċipriet C. Scicluna ħa l-pussess ta' Arċipriet tal-Kattidral. Wieħed jistenna li dan iċ-Ċentru, li hu l-uniku wieħed f'Għawdex li fih se jintwerew films regolari, jsiru biex jitwettqu ħidmiet mhux biss għall-Parruċċani u l-Kommunità tal-Kattidral imma wkoll fuq skala Djoċesana.

J'Alla d-deċiżjoni li wasslet lill-Banda 'Leone' - li l-Paroċċa taġħha hi l-Kattidral - taġħmel dan il-pass isservi mhux biss ta' eżempju għal ħaddieħor imma wkoll isservi ta' għaqda dejjiema bejn il-Kattidral, is-Soċjetà 'Leone' u l-Kommunità tal-Kattidral. J'Alla wkoll dan iċ-Ċentru jkompli jservi ta' post ta' divertiment, ta' tixrid ta' taġħlim u kultura mhux biss lill-poplu Rabti imma wkoll lill-poplu Għawdxi.

www.gcathedral.org.mt

EGĦLUQ IL-25 SENA MILL-ORDINAZZJONI SAĊERDOTALI TA' MONS. ARĊIPRIET C. SCICLUNA 1957-1982

Mons. Arċipriet C. Scicluna imexxi Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fil-Katidral, f'egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu li kienet saret fl-istess Katidral fis-6 t'April, 1957.

Mons. arċipriet C. Scicluna fakkar egħluq il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu billi:

- ***Żar*** lill-morda kollha tal-parroċċa;
- ***għamel żjara*** lill-anzjani li jinsabu fil-kliniċi tas-Sorijiet Dumnikani u Karmelitani fejn ukoll qaddsilhom u amministralhom is-Sagrament tal-Morda;
- ***mar iżur*** l-Isptar 'Craig' fejn qaddes u qarben il-morda kollha ta' dan l-isptar;
- ***qaddes*** fil-knejjes kollha tal-Belt Vittorja fejn għamel ukoll omelija dwar ir-rispett li l-insara għandhom juru lis-saċerdoti;
- ***ltaqa' maż-żgħażagħ*** tal-parroċċa fiċ-Ċentru Parrokjali fejn saret quddiesa 'Folk'. Mons. Arċipriet għamel ukoll omelija ta' l-okkażjoni.
- ***kellu laqgħa*** mat-tfal kollha tal-parroċċa fiċ-Ċentri tad-Duttrina tagħhom fejn ukoll qaddsilhom u għamlilhom omelija djalogata;
- ***ġie miftuħ*** Ċentru Parrokkjali ġdid maħsub għall-kategoriji kollha tal-parroċċa;
- ***ġiet inawgurata*** wirja bir-ritratti tal-ħidma pastorali fil-Katidral;
- ***ltaqa'*** mal-membri kollha tal-Kommunità Parrokjali f'Konċelebrazzjoni Solenni ta' Radd il-Ħajr li l-istess Arċipriet mexxa fil-Knisja Katidrali fit-22 ta' Mejju. Din il-Konċelebrazzjoni għalqet dawn iċ-Ċelebrazzjonijiet Pastorali ta' din l-okkażjoni speċjali ta' l-Arċipriet.

Għal din iċ-ċirkustanza ġie ippublikat programm ta' tifkira.

www.mzocathedral.org.mt

tberik taċ-ċentru . . .

il-wirja pastorali bir-ritratti . . .

www.gozocathedral.org.mt



Fr. JOE BEZZINA

Jikseb id-Dottorat

fl-Istorja tal-Knisja

Nifirħu lil Fr. Joe Bezzina, saċerdot tal-Presbiterju Parrokkjali tal-Katidral, li kiseb id-dottorat, *'SUMMA CUM LAUDE'* fl-istorja tal-Knisja mill-Università Gregorjana billi quddiem ħames professuri ddefenda t-teżi li ġġib l-isem ta' *'THE ESTABLISEMENT OF THE DIOĊESE OF GOZO. RELIGION AND POLITICS IN A CROWN COLONY. 1798 - 1864'*.

Wara l-Isqof preżenti t'Għawdex, Fr. Bezzina huwa l-ewwel saċerdot Għawdxi li ggradwa bħala duttur mill-Università Pontifiċja Gregorjana. Fr. Bezzina biex bena din it-teżi ta' mportanza l-aktar kbira għall-istorja Ekklezjastika ta' Malta u Għawdex huwa ħtieġlu jikkunsulta bosta bibljoteka u arkivji barra minn Malta, bħalma huma dawk ta' Palermo, Napli, Ruma u Londra.

Fuq kollox din it-teżi, lilna l-parruċċani tal-Katidral, għandha tinteressana l-aktar l-ghaliex fiha l-Knisja Katidrali tikseb prominenza fuq il-knejjes l-oħra kollha t'Għawdex. Ma setax, difatti, Fr. Bezzina jagħmel studju xjentifiku fuq it-twaqqif tad-djoċesi f'Għawdex mingħajr ma jistabillixxi l-importanza enormi li din l-Knisja Katidrali kienet tgawdi biex trawmet sa mill-ibgħad żmenijiet ir-reliġjon ta' Kristu fil-gżira Għawdxija. Kien għalhekk li missirijietna għażlu lil din il-Knisja biex tiġi mgħollija għad-dinjità ta' Katidral fl-1864.

Jien qallibt it-teżi, tajtha daqqa' t'għajn ġmielha, imma għadni ma qrajthix u ma flejthix biżżejjed. Iżda minn dak li nnotajt, jidher biċ-ċar li Fr. Bezzina huwa mħarreġ tajjeb fil-preżentazzjoni ta' teżijiet simili. Tassew li l-preżentazzjoni tagħha hija ta' livell li żgur ma jistax jintlaħaq ogħla minnu fi żmenijietna. Il-kontenut tagħha li huwa miġbur f'aktar minn 300 paġna ittajpjati għad ikun mfittex minn bosta studjużi tal-istorja ekkleżjastika l-ghaliex fih wieħed issib mhux biss materjal interessanti, imma wkoll rari ghal min irid jibni l-kitba storika tiegħu fuq bażi xjentifika u dokumentata. Fuq kollox dan huwa l-ewwel studju dokumentat li sar fuq it-twaqqif tad-Djoċesi Ghawdxija. Xejn anqas interessanti hija l-parti li tittratta dwar il-proċeduri i bihom kien jimxi l-Gvern Kolonjali ta' Malta dwar materji ekklessjastiċi li kienu jinqalgħu fil-gżejjer tagħna bejn 1798 u 1864, il-perijodu li fih l-Ghawdxin tħabtu bi sħiħ biex il-gżira tagħhom issir djoċesi indipendenti minn dik ta' Malta.

Żgur li f'din it-teżi l-aktar li sa tolqot il-ghajn hija t-tabella ġenealoġika ta' l-Episkopat f'Ghawdex. Sa fejn nista' ngħid jien, din hija l-ewwel darba li nħadmet din it-tabella ġenealoġika ta' l-Episkopat Ghawdxi li f'paġna waħda turik mhux biss min kienu l-Isfqijiet t'Ghawdex, imma wkoll min ikkonsagrahom u l-Isqfijiet li kkonsagrahom minn min ġew ikkonsagrati.

F'isem il-kommunità Parrokkjali tal-Katidral, jiena mhux biss nawgura lil Fr. Bezzina suċessi akbar fil-qasam ta' l-istorja Ekklessjastika, imma wkoll li jfittex malajr kemm jista' jkun li jippubblika fi ktieb din it-teżi li tagħmel gieħ mhux biss lilu li kkomponiha u ħadimha bi kriteriji xjentifiċi, imma wkoll lill-istess misirijietna li ħadmu bi sħiħ ghat-twaqqif tad-Djoċesi ta' Ghawdex.

L-Arċipriet

www.gozocathedral.org.mt

MONSINJURI KUĠITURI ĠODDA

MONS ĠUŻEPPI GRECH PACE

Twieled fil-parroċċa ta' Kercem minn Joseph u Tereża Pace fis-17 ta' Ġunju 1937. Ġie ordnat saċerdot fis-7 t'April 1962 u kien viċi-parroku ta' Kercem bejn 1962-1966.

Ilu mill-1963 jgħallem l-matematika fis-seminarju fejn għal xi żmien kien ukoll prefett ta' waħda mill-kamerati. Fl-1970 sar Kappillan tal-Kor fil-Katidral u aktar tard ġie maħtur Nunzju u Ċerimonier Kapitulari. Fl-1972 ġie wkoll maħtur Rettur tal-Knisja ta' Santa Lucija. Fil-preżent għadu jokkupa din il-kariga u joffri wkoll ħidma mhix ċkejkna fil-Leġjun ta' Marija u fl-Azjoni Kattolika.

Ħa l-pussess ta' kanonku Kuġitur ta' Mons. Ġużeppi Debrincat fil-21 ta' Marzu, 1982.

MONS. RUŻAR BORG

Twieled fil-Parroċċa tal-Fontana minn Lwiġi u Ġużeppa neè Borg fl-14 ta' Novembru, 1934. Ġie ordnat saċerdot fit-12 ta'April 1959. Waqqaf f'Għawdex il-Moviment Ewkaristiku. Huwa wkoll Direttur Spiritwali attiv kemm ta' diversi kommunitajiet ta' Sorijiet kif ukoll tal-Leġjun ta' Marija. Iġħallem, fost suġġetti oħra l-Għarbi fis-seminarju u ta' kuljum iqarben għadd ġmielu ta' morda fi djarhom. F'dawn l-aħħar snin kien ukoll Kappillan tal-Kor tal-Katidral. Ħa l-pussess ta'Kanonku Kuġitur ta' Mons. Ġorġ Mercieca fit-28 ta' Marzu, 1982.

MONS. ĠORĠ TABONE

Twieled fil-Belt Victoria fil-15 ta' Settembru, 1940 minn Ġanni u Ġużeppa Vassallo. Ġie ordnat saċerdot fil-5 t'April, 1964. F'din is-sena sar ukoll Kappillan tal-Kor u fl-1966 ġie maħtur Ċerimonier Kapitulari. Bejn 1965 u 1969 għallem fis-seminarju t'Għawdex u fil-preżent huwa għalliem tar-Reliġjon fl-iskola Sekondarja tal-Gvern fil-Qala. Fl-1975 Mons. Isqof ħatru Ċeremonier Djoċesan. Huwa membru attiv tal-Presbiterju Parrokjali tal-Katidral u joffri servizz siewi lill-għaqdiet tal-parroċċa. Ħa l-pussess ta' Kanonku Kuġitur ta' Mons. Tumas Curmi fit-18 ta' April, 1982.

www.gozocathedral.mt

L-AĦĦAR KISBIET GĦALL-MUŻEW TAL-KATIDRAL

Il-Mużew tal-Katidral issa ilu li nfetaħ formalment mill-21 ta' Ottubru 1979. Minn dak in-nhar 'l hawn bosta kienu l-barranin li żaru dan il-Mużew. Difatti ħ-numru ta' dawk li daħlu bil-biljetti jlaħħaq iċ-ċifra ta' bosta mijiet.
Mhumiex waħdiet dawk il-persuni li ta' spiss jirregalaw xi oġġetti li minħabba l-valur artistiku u antik tagħhom jgħoddu ħafna biex jitqiegħdu fil-vitrejn ta' dan il-Mużew.
Ir-ritratt ta' hawn fuq juri l-oġġetti li nkisbu din is-sena għal dan il-Mużew.

- Il-kalċi tal-fidda ġie mogħti mill-Mons. Onorarju G. Debrincat kif ħalla fit-testment tiegħu.

- Midalja antika ferm tal-fidda u ndurata bid-deheb. Din il-medalja li ġiet mogħtija mill-familja Glavina tirrapreżenta l-Assunzjoni tal-Verġni Marija Mtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Il-preġju tagħha jikkonsisti li ġiet maħduma bl-idejn.

- Gamewwa imdaqqsa tal-Papa Piju IX li kien għolla lill-Knisja Matriċi ta' l-Assunta għaddinjità ta' Katidral fl-1964. Dan ir-rigal ġie mogħti minn Mr. Peter Reimer ta' Birmingham.

- 4 armi tal-fidda ta' l-Isqof Pietru Pace biex jitwaħħlu mal-Karozzella li biha dan l-Isqof Pietru Pace u xi Isqfijiet oħra ta' warajh kienu jitilgħu l-Katidral meta f'Għawdex il-karozzi kienu għadhom ma wasslux. Din l-għotja saret minn Fr. Tony Mercieca li huwa benefattur kbir tal-Mużew.

www.gozocathedral.org.mt

KISBIET ĠODDA GĦALL-BIBLJOTEKA TAL-PARROĊĊA

Il-Bibljoteka Parrokkjali tal-Kattidral dan l-aħħar ġiet trasferita fiċ-Ċentru Parrokkjali bl-iskop li tiġi milħuqa minn numru akbar ta' qarrejja.

Għal din il-Bibljoteka Mons. Arċidjaknu Pawlu Cauchi kien offra bosta kotba li x'uħud minnhom huma rari ħafna fl-ixkaffa tal-Melitensja bħalma hija l-Istorja ta' Malta ta' Abela Ciantar. F'din il-Bibljoteka twaħħlet plakka li tfakkar lil dan il-benefattur Mons. Arċid. Pawlu Cauchi.

Dan l-aħħar ukoll Fr. Tony Mercieca li jinsab fuq ħidma pastorali fl-Amerika offra konntribuzzjoni kbira ta' kotba għall-istess Bibljoteka. Biżżejjed ngħidu li dan is-saċerdot fost il-ħafna kotba li offra b'xejn, irregala wkoll l-Enciklopedija Brittanika kif juri r-ritratt ta' fuq.

Ultimament ukoll is-Soċjetà Filarmonika 'Leone' offriet lill-istess Bibljoteka bosta kotba bl-iskop li tgħin lill-membri tal-Kommunità Parrokkjali tal-Kattidral għall-iżvilupp intelletwali tagħhom. Bejn l-imsemmija Soċjeta u l-parroċċa tal-Kattidral dejjem eżistew rabtiet kbar. U din l-għotja kompliet issaħħaħ din ir-rabta.

Ir-ritratt t'isfel juri lis-Sur Vincent Grech, wieħed mill-membri l-aktar attivi ta' dan il-Kumitat tal-Banda 'Leone', qed joffri dawn il-kotba lill-Mons. Arċipriet C. Scicluna. Fir-ritratt jidher ukoll il-President ta' din is-Soċjeta, is-Sur Lewis Xuereb.

"Jekk tagħti ktieb tajjeb għall-Bibljoteka Parrokjali, tkun qed tgħin lil ħutek il-parruċċani jimmaturaw fil-ħajja nisranija".

Preżentazzjoni ta' Kotba liċ-Ċentru Parrokkjali mis-Soċjetà 'Leone'

www.pozzocatnedral.org.mt

Il-Ġimgħa tal-Parrocca

Attivitajiet: • ***Pastorali*** • ***Kulturali***

Ritratt Nru. 1
Mons. Isqof N. Cauchi mexxa Konċelebrazzjoni fil-ftuħ taġħha għar-ruħ il-Kardinal Franjo Seper li kien nkuruna xxbieha ta' l-Assunta meqjuma fil-kwadru titulari fl-1975

Ritratt Nru. 2
Saru wkoll laqgħat kemm għall-ġenituri tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina kif ukoll għall-ġenituri tat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof fiċ-Ċentru Pastorali taċ-Ċawla. Dawn il-laqgħat spiċċaw b' 'Get together' għall-ġenituri u t-tfal taġħhom.

www.gozocathedral.org.mt

6 - 13 ta' Frar 1982

• Filantropiċi • Rikreattivi

3.



4.

Mons Isqof N. Cauchi u Fr. Joe Bezzina qaddsu rispettivament fil-fabbriki ta' A.F. Ellis *Ritratt Nru. 3* u ta' Caruana Brothers. *Ritratt Nru. 4* għall-ħaddiema u l-maniġments tagħhom. Kien Jum in-Nawfraġju ta' Missierna San Pawl.

www.gozocathedral.org.mt

Ritratt Nos. 5 u 6
Ġie mogħti 'hamper' lill-Anzjani kollha rikoverati fl-Isptar 'Craig' u fil-klinici tas-Sorijiet Dumnikani u Karmelitani.

5.

6.

7.

8.

Mons. Arċipriet ta' lezzjoni kateketika lit-tfal li jattendu fl-iskola tas-Sorijiet Frangiskani *Ritratt Nru 7* u fl-iskola 'Lawra Viguna' tas-Sorijiet Salezjani *Ritratt Nru. 8* Sar filmshow b'xejn għat-tfal kollha tal-Parroċċa.

www.gozocathedral.org.mt

Ministri Straordinarji tat-Tqarbin

Grace Grech

Anthony Farrugia

Antoinette Grech

Fl-10 ta' Lulju fil-kappella tas-Sorijiet tal-Karità ġew istitwiti l-Ministri Straordinarji ta' l-Ewkaristija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi.

Fil-Parroċċa tagħna tal-Katidral għandna tmienja minnhom li diġa kull nhar ta' Ħadd qegħdin jaqdu d-dover tagħhom li jwasslu lil xi morda tal-parroċċa lil Ġesù Ewkaristija wara li jkunu semmgħulhom il-Liturġija tal-Kelma tal-quddiesa tal-Ħadd li jkun. Għand kull marid jew marida dawn il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin jdumu madwar għoxrin minuta u jiġu milqugħin tajjeb mill-morda. Għandna tassew għax nroddu ħajr lil Alla ta dan il-ġid kbir li għoġbu jagħtina permezz ta' dawn il-Ministri Straordinarji tat-tqarbin. Il-morda fil-parroċċa huma forza potenti biex il-ħidma pastorali fl-istess parroċċa thalli ħafna frott għax jekk il-morda jsoffru t-tbatijiet tal-mard tagħhom b'rassenjazzjoni mal-volontà t'Alla, din it-tbatija jkollha valur kbir quddiem l-istess Alla biex jixħet fuq il-parruċċani kollha l-barka tiegħu. U l-Kelma t' Alla li dawn il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin qegħdin iwasslu lill-morda żgur li tgħinhom biex huma jsoffru s-salib tal-mard f'rabta mal-volontà t'Alla. Tassew għani hu Alla fil-ħniena tiegħu talli għoġbu jagħtina din il-grazzja kbira.

Josephine Pavia

Paolina Cachia

Grace Cassar

Josephine Grech

M'Rose Grech

www.gozothedral.org.mt

1ta' Awissu, 1981

Kronaka tal-Pa



Bidu tal-Hajja Nisranija

Nru.	Data tal-Magħmudija	Isem tat-Tarbija	Isem u Kunjom il-Ġenituri
1.	10 -8 - 81	Joseph	Joe u Carmen Tabone
2.	10 - 8 - 81	Joseph	Piju u Rita Borg
3.	16 - 8 - 81	Joseph Mario	Anton u Regina Vella
4.	16 - 8 - 81	Cristopher	Mario u Assunta Grech
5.	13 - 9 -81	Dianne	Antonio u Antoniette Calleja
6.	16 - 10 - 81	Omar	Walter u Giovanna Bezzina
7.	18 - 10 - 81	Karl	Joe u Tessie Vella
8.	18 - 10 - 81	Marisa	Joseph u Lucy Azzopardi
9.	1 - 11 - 81	Maria-Rita	Francis u M'Dolores Farrugia
10.	8 - 11 - 81	Josef	Carmelo u Maria Attard
11.	21 - 11 - 81	Charmaine	Mario u Anne Grech
12.	29 - 11 - 81	Simon	Tarcisio u Giorgia Said
13.	27 - 12 - 81	Alexia	Manuel u Antonia Zammit
14.	27 - 12 - 81	Jason	Silvio u Gracie Cefai
15.	10 - 1 - 82	Derek	Ġorġ u M'Doris Azzopardi
16.	10 - 1 - 82	Noel	Loretu u Rita Vella
17.	31 - 1 - 82	Kevin	Frank u Tessie Dimech
18.	31 - 1 - 82	Joseph	Joe u Mary Enriquez
19.	21 - 2 - 82	Josef	Sammy u Maria Vella
20.	28 - 3 - 82	Sabrina	Joe u Mary Scicluna
22.	13 - 4 - 82	Enzo-Joseph	Michael (Nutar) u Nadette Refalo
23.	16 - 5 - 82	Sharon	Ġorġ u Antonia Farrugia
24.	16 - 5 - 82	Miriam	Felix u Lora Grech
25.	23 - 5 - 82	Denise	Ġorġ u Gracie Micallef
26.	23 - 5 - 82	Anthony	Frank u Lina Calleja
27.	30 - 5 -82	Charlene	Vince u Rita Camilleri
28.	30 - 5 -82	Franklin Charles	Emanuel u Anastasia Farrugia
29.	4 - 6 - 82	Jonathan Roger	Roger u Antoniette Portelli
30.	13 - 6 -82	Mario	Carmelo u Frances Portelli
31.	13 - 6 - 82	Michael	Alfred u Mary Grech
32.	13 - 6 - 82	Gertrude	Francis u Mary Portelli
33.	19 - 6 -82	Samuel	Vigo u Sunta Azzopardi
34.	25 - 7 - 82	Silvan	Alesio u Guza Mizzi
35.	25 - 7 - 82	Alessandro	Noel u Lina Xerri
36.	25 - 7 82	Paul	Carmenu u Lucy Saliba
37.	25 - 7 -82	John	Pupul u Tarcisja Mejlaq

www.gozocathedral.org.mt

Parrocca

31ta' Lulju, 1982

"Jien hu il-ħobż tal-ħajja"

Ismijiet tat-Tfal li ġħamlu l-Ewwel Tqarbina Fis-19 ta' Mejju, 1982 Katidral - Għawdex

1.	**Apap Leo**	*138, St. Ursula Street, Victoria*
2.	**Apap Miriam**	*27, By the Bastin Street, Victoria*
3.	**Attard Christpher**	*14, Capuchins' Street, Victoria*
4.	**Attard Lawrence**	*12, Library Street, Victoria*
5.	**Attard Joanne**	*N/B, Republic Street, Victoria*
6.	**Buttigieg James**	*Block G. Flat 5, Sannat Road, Victoria*
7.	**Calleja Frances**	*N/B, Saghtar Street, Victoria*
8.	**Calleja Mark**	*'Pentlands' N/B, Saghtar Street, Victoria*
9.	**Camilleri Peter Paul**	*52a, Xaghra Road, Victoria*
10.	**Cassar Joanne**	*N/B, Ġużè Ellul Mercer Street, Victoria*
